PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2157(INI)

18.9.2008

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp futur tal-Aġenzija FRONTEX u tas-Sistema Ewropea għas-Sorveljanza tal-Fruntieri EUROSUR
(2008/2157(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Javier Moreno Sánchez

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .. **Error! Bookmark not defined.**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp futur tal-Aġenzija FRONTEX u tas-Sistema Ewropea għas-Sorveljanza tal-Fruntieri EUROSUR
(2008/2157(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, li rraportat dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp futur tal-Aġenzija FRONTEX (COM(2008)0067),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, li pproċediet għal eżami dwar il-ħolqien ta' Sistema Ewropea ta' Sorveljanza għall-Fruntieri (EUROSUR) (COM(2008)0068),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea (COM(2008)0069),

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra l-Patt Ewropew dwar l-immigrazzjoni u l-asil, li ntlaħaq qbil dwaru mis-27 Stat Membru f'Pariġi nhar is-7 ta' Lulju 2008 u li se jiġi approvat matul il-Kunsill Ewropew li jmiss li se jsir f'Ottubru 2008,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-presidenza tal-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005 dwar l-approċċ globali għall-kwistjoni tal-migrazzjoni: il-prijoritajiet ta' azzjoni ċċentrati fuq l-Afrika u l-Mediterran, li wieħed jerġa' jsib fil-konklużjonijiet tal-presidenza wara l-Kunsill Ewropew tal-14 u l-15 ta' Diċembru 2006,

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2007 dwar il-prijoritajiet politiċi fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali ta' dawn li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi[3],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-

[1] ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.
[2] ĠU L 199, 31.7.2007, p. 30.
[3] ĠU C 219E, 28.8.2008, p.223.

opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin kif ukoll tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Baġits (A6-0000/2008),

A. billi l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u, b'mod speċifiku ħafna, il-ġestjoni integrata tal-fruntieri kollha tal-Unjoni għandhom jitwettqu fil-qafas ta' approċċ globali u armonizzat tal-fenomeni migratorji, inklużi wkoll l-organizzazzjoni tal-immigrazzjoni legali, l-integrazzjoni tal-immigranti legali u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu,

B. billi dawn il-fenomeni migratorji se jdumu sakemm idumu d-differenzi fl-iżvilupp bejn id-diversi reġjuni tad-dinja, u f'dan ir-rigward jaqbel li l-ġestjoni tal-flussi migratorji tkun organizzata f'sinerġija mal-politiki ta' żvilupp u ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi,

C. billi s-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-Unjoni hija element dinamiku fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, li ħdejha għandu jkun hemm il-politiki ripressivi kumplimentari maħsuba biex jużaw is-sors kollu tagħha, bħall-ġlieda kontra l-impjiegi illegali, b'mod partikulari bl-għajnuna tal-adozzjoni tad-direttiva li tipprevedi sanzjonijiet kontra dawk li jħaddmu persuni li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi b'residenza irregolari, u kontra n-netwerks ta' traffikanti li jagħmlu parti mill-kriminalità organizzata,

D. billi, anke jekk il-kontroll tal-fruntieri jaqa' taħt ir-responsabilità ta' kull Stat Membru għall-parti tal-fruntiera li tkun tiegħu, il-pressjoni migratorja li hemm fil-fruntieri tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Unjoni Ewropea teħtieġ li jiġi żviluppat u organizzat spirtu ta' koresponsabilità u ta' solidarjetà obbligatorja bejn l-Istati Membri, b'tali mod li jkun iffaċilitat li r-riżorsi materjali u umani mobilizzabbli jitpoġġew għad-dispożizzjoni komuni fil-ġlieda kontra dan il-fenomenu,

E. billi jilqa' b'sodisfazzjon l-ewwel riżultati kwantifikabbli tal-Aġenzija FRONTEX mit-tnedija operattiva tagħha f'Ottubru 2005, u d-determinazzjoni neċessarja ta' strateġija għaż-żmien medju u twil li ssir indispensabbli f'dan l-istadju tal-iżvilupp tagħha,

F. billi din l-istrateġija għandha preċiżament taħtaf l-okkażjoni biex tittestja l-vijabilità tal-prinċipju ta' "solidarjetà obbligatorja" bejn l-Istati Membri (prinċipju li diġà wieħed saħaq fuqu fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri[1] (is-sistema RABIT - Rapid Border Intervention Teams), li jikkoordina l-kapaċitajiet ta' ħolqien rapidu tal-Unjoni fil-każ ta' urġenza) sabiex jintgħażel il-*modus operandi* relevanti biex jiggarantixxi t-tqegħid għad-dispożizzjoni bla kundizzjonijiet tar-riżorsi materjali (imniżżla fir-repertorju ċentralizzat tat-tagħmir tekniku (CRATE - Centralised Records of Available Technical Equipment) u umani neċessarji għal azzjoni effikaċji tal-Aġenzija,

G. billi kwalunkwe azzjoni żviluppata mill-Aġenzija għandha fi kwalunkwe każ tibqa' konformi mal-istandards tal-liġi internazzjonali, b'mod partikulari dawk li japplikaw għall-liġijiet umani, għad-dinjità tal-persuna umani u għar-refuġjati, b'mod partikulari l-liġi tal-ażil u l-prinċipju tan-non-refoulement (li ma jintbagħtux lura),

[1] ĠU L 199, 31.7.2007, p. 30.

H. billi l-Aġenzija għandha tinkorpora fl-azzjonijiet kollha tagħha l-ħtieġa li jittieħdu l-prekawzjonijiet u r-riżorsi neċessarji kollha favur ir-rispett tal-persuni l-iktar vulnerabbli, in-nisa u t-tfal u, b'mod partikulari, il-minorenni mhux akkumpanjati u l-persuni li għandhom xi diżabilità,

I. billi d-dimensjoni umanitarja tal-azzjoni tal-FRONTEX għandha tkun ikkonfrontata minn sigurtà ġuridika massima, kemm fil-qasam tal-operazzjonijiet ta' salvataġġ li din ikollha twettaq kif ukoll f'dak tal-operazzjonijiet ta' ritorn li din se jkollha tikkontribwixxi għalihom,

J. billi, minħabba s-suċċess tagħhom, l-operazzjonijiet ta' taħriġ tal-persunal speċjalizzat imdaħħal fl-iffunzjonar tal-FRONTEX jistħoqilhom li jitkomplew imma fuq kollox li jiġu estiżi għall-persunal tal-pajjiżi terzi li ta' kuljum jintalbu jikkooperaw mal-Aġenzija,

1. Jistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-problema tal-migrazzjoni permezz ta' approċċ globali li javvanza bl-istess enerġija t-tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri tal-Unjoni, il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni klandesina u r-ritorn tal-barranin f'sitwazzjoni irregolari fil-pajjiż tagħhom, il-ġlieda kontra l-impjieg illegali u t-trattament tal-bnedmin imma wkoll l-organizazzjoni tal-immigrazzjoni legali u l-miżuri li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-immigranti legali, it-tisħiħ ta' sħubija globali mal-pajjiżi terzi li jiffavorixxu relazzjoni pożittiva bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, u l-kostituzzjoni ta' politika omoġena fil-qasam tal-liġi tal-ażil fil-livell Komunitarju;

2. Jinsisti fuq il-konoxximent tal-fatt li hu assolutament neċessarju għall-FRONTEX li, kemm għall-operazzjonijiet okkażjonali kif ukoll għall-missjonijiet permanenti tagħha, ikollha l-appoġġ tad-disponibilità tar-riżorsi li jitpoġġew għad-dispożizzjoni mill-Istati Membri;

3. Iħeġġeġ għal dan il-għan lill-Istati Membri biex jifformalizzaw mill-iktar fis possibbli sistema ta' "solidarjetà obbligatorja u irrevokabbli" li tagħmilha possibbli għall-FRONTEX li, fit-tħejjija u fit-twettiq tal-missjonijiet tagħha, tneħħi l-inċertezza dwar id-daqs preċiż tar-riżorsi li tista' torbot fuqhom fir-realtà;

4. Jitlob li tiġi stabbilita għassa tal-konġunzjonijiet permanenti u operattivi antiki matul is-sena kollha fiz-zona kollha fejn hemm riskju kbir, b'mod partikulari fil-fruntieri tal-baħar;

5. Jistieden lill-Istati Membri biex jimpenjaw ruħhom, mill-iktar fis possibbli, biex jagħtu ħarsa konkreta lejn dan il-prinċipju ta' solidarjetà, billi b'mod partikulari jżidu r-riżorsi materjali li dawn jagħmlu għad-dispożizzjoni rispettivament tal-Aġenzija u billi jiżgurawha mid-disponibilità assoluta tagħha fil-prattika;

6. Jistieden lill-FRONTEX biex tissottometti rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jkun fih dettalji b'mod partikulari dwar l-użu effettiv u d-disponibilità reali tal-materjal fir-repertorju tal-bażi CRATE, u biex, jekk ikun hemm bżonn, jaċċentwaw id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom;

7. Jistieden lill-Istati Membri, fil-każ li ma jkunx għad hemm riżorsi biżżejjed disponibbli, biex malajr jipprevedu tibdil f'iskala tal-baġit tal-FRONTEX li jippermettilha li tikri jew takkwista l-materjal proprju tagħha għat-twettiq tal-missjonijiet tagħha;

8. Ifakkar li l-Parlament Ewropew, bħala l-awtorità baġitarja, diġà żied il-baġit tal-FRONTEX mill-ħolqien tagħha u se jiżgura t-twettiq korrett tagħha kif ukoll l-adattazzjoni tagħha għall-evoluzzjoni tal-funzjonijiet tagħha;

9. Jilqa' l-isforzi kbar ta' kooperazzjoni mwettqa minn kważi l-pajjiżi terzi kollha li magħhom il-FRONTEX tintalab taħdem ta' kuljum, u li wasslu għal riżultati pożittivi b'mod estrem bħal dawk miksuba fil-Gzejjer Kanari;

10. Iħeġġeġ, kuntrarjament, lill-pajjiżi terzi li l-kooperazzjoni tagħhom mhix biżżejjed - jew inkella ineżistenti - biex jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom biex jiffaċilitaw il-ħidwa tal-Aġenzija, b'mod partikulari billi jiżguraw kooperazzjoni iktar effikaċji tas-servizzi tagħhoam fil-qasam tal-prevenzjoni;

11. Jistieden lill-Istati Membri biex jippermettu reviżjoni tal-mandat tal-FRONTEX sabiex ineħħu l-vojt ġuridiku li jista' jxekkel l-azzjoni tagħha, billi jintegraw b'mod partikulari l-kundizzjonijiet ġuridiċi preċiżi tal-interventi ta' salvataġġ tagħha fil-baħar kif ukoll dawk tal-kontribut tagħha għall-operazzjonijiet ta' ritorn, u l-possibilità ta' rikors għat-tagħmir tagħha minn pajjiżi terzi, b'mod partikulari permezz tal-proġetti pilota li jistgħu jkunu benefiċċjarji tagħhom;

12. Iqis li l-għotjiet b'hekk imkabbra tal-FRONTEX u l-istabbiliment tal-għeruq tal-kontribut tagħha fil-ġlieda ta' kuljum kontra l-immigrazzjoni illegali jistgħu jiġġustifikaw żvilupp strutturali tal-kapaċitajiet loġistiċi u amministrattivi tagħha, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità;

13. Iqis, b'mod partikulari, li jekk ir-ritmu u r-riżorsi implimentati jkunu għadhom ma jiġġustifikawx il-multiplikazzjoni tal-aġenziji diċentralizzati, jista' jiġi previst mil-lum il-ħolqien ta' żewġ fergħat differenti - waħda biex tikkoordina l-attività fil-fruntieri tal-art, u l-oħra l-operazzjonijet tal-baħar;

14. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jitkomplew l-operazzjonijiet ta' taħriġ tal-persunal mobilizzat permezz tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija - b'mod partikulari fil-qasam tal-liġi marittima, tal-liġi tal-ażil u tad-drittijiet fundamentali - inkluż, malli l-mandat tagħha jitwessa', għall-persunal tal-pajjiżi terzi kkonċernati; Jinkoraġġixxi għal dan il-għan lill-FRONTEX biex tikkoopera ma' istituzzjonijiet oħra bħall-Uffiċju tal-Migrazzjonijiet Internazzjonali, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kummissarjat Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-refuġjati;

15. Jilqa' r-riflessjoni li saret mill-Kunsill bl-iskop li jwaqqaf is-sistema EUROSUR, sabiex jiżgura sfruttar ottimu tal-mezzi kollha ta' sorveljanza, essenzjalment billi jestendi l-kopertura attwali tagħhom li llum tapplika biss għal parti miz-zoni fejn l-operazzjonijiet jintalbu li jsiru;

16. Jinsisti, għalhekk, biex jibda bla ebda dewmien l-adattament għat-talba tas-sistemi nazzjonali ta' sorveljanza u ta' l-interkonnessjoni tagħhom fin-netwerk, u biex - minħabba l-koerenza - il-FRONTEX jingħata ragruppament tal-għodod disponibbli, b'mod partikulari l-ġestjoni tan-netwerk ta' informazzjoni u ta' koordinazzjoni sekurizzat u mqabbad mal-Internet għas-servizzi tal-Istati Membri responsabbli mill-ġestjoni tal-flussi migratorji (ICONET) u l-bidu mill-ġdid tal-attivitajiet taċ-Ċentru għall-

Informazzjoni, id-Diskussjoni u l-Iskambju dwar il-Qsim tal-Fruntieri u l-Immigrazzjoni (CIREFI); jinsisti wkoll fuq in-neċessità li wieħed javvanza fuq il-kooperazzjoni tal-Aġenzija fil-qasam tal-evalwazzjoni tar-riskji ma' aġenziji Ewropej oħra kif ukoll ma' organiżmi internazzjonali oħra u awtoritajiet tal-pajjiżi terzi responsabbli mill-kontrolli fil-fruntieri;

17. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-bżonnijiet konkreti tas-servizzi responsabbli mill-kontrolli fil-fruntieri jitqiesu speċifikament fl-attivtajiet ta' riċerka;

18. Jinsisti fuq l-importanza li fis-sistema globali ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-Unjoni jiġu inkorporati s-sistemi Ewropej il-ġodda proposti għall-kontroll fil-fruntieri: is-Sistema Elettronika tal-Awtorizzazzjoni tal-Ivvjaġġar (ESTA - Electronic System for Travel Authorization), is-sistema ta' dħul/ħruġ, il-*Fast track*, u sistemi oħra;

19. Jisieden lill-FRONTEX biex tieħu l-inizjattiva biex toħloq ambjent komuni ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, sabiex jiġu ottimizzati l-ġbir, l-evalwazzjoni u t-tixrid ta' din id-data delikata; jitlob lill-Forum Ewropew tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-qasam tas-Sigurtà (ESRIF - European Security Research and Innovation Forum) biex jagħti l-kontribut tiegħu għat-twettiq ta' dan l-objettiv, billi fil-ħidmiet tiegħu jagħti preferenza lill-applikazzjonijiet komuni fil-qasam tal-ipperfezzjonar u tal-innovazzjoni tal-għodod ta' sorveljanza;

20. Jistieden lill-Aġenzija biex tinforma lill-Parlament Ewropew dwar il-ftehimiet iffirmati mal-pajjiżi terzi kif ukoll biex tippubblika r-rapporti ta' evalwazzjoni dwar l-operazzjonijiet konġunti;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lill-Kummissarjat Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati u lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni.